MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2003

Appell Kriminali Numru. 16/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christabel Ellul**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christabel Ellul talli ghan-nom u in rapresentanza ta' MCJ Retailers Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998) u r-regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-28 ta' Frar 2001, ghall-habta tad-9.50 a.m. fil-hanut Dolce Mondo, Qrejten Street, Msida, naqset jew hi jew impjegata taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, li taghti jew tipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens

lilha mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, u 3 tal-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Artikoli 51 u 77(a)(e) u 82(2) ta' l-Att Nru XXIII ta' l-1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Jannar 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmija Christabel Ellul hatja skond l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkundannata multa ta' mitejn lira (Lm200);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Christabel Ellul, minnha prezentat fit-3 ta' Frar 2003, li permezz tieghu talbet ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Lulju, 2003; ikkunsidrat:

L-appellanti ghandha tlett aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li s-sentenza hija nulla ghax ma gewx specifikati r-ragunijiet li wasslu lill-ewwel qorti sabiex tasal ghall-konkluzzjoni taghha. L-appellanti f'dan ir-rigward tirreferi ghall-Artikoli 663(4) u 662(1) tal-Kodici Kriminali. Dana l-aggravju huwa wiehed fieragh ghall-ahhar. L-Artikoli 663(4) u 662(1) japplikaw biss ghall-Qorti ta' l-Appell Kriminali u ghall-Qorti Kriminali. Apparti li quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kaz *de quo* ma jirrizulta li kien hemm ebda "kwistjoni ta' ligi" x'tigi deciza izda biss kwistjoni ta' fatt (u cioe` jekk l-imputata hix hatja o meno skond l-imputazzjoni dedotta kontra taghha), fil-Qorti Inferjuri dak li huwa mehtieg ghall-finijiet tal-validita` formali tas-sentenza huwa dak il-minimu indikat fl-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Mill-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2003 (fol. 2) ma jirrizultax li kien hemm xi eccezzjoni minn dawk kontemplati fl-Artikolu 376(1)(a) tal-imsemmi Kodici; u anke li kieku kien hemm tali l-eccezzjoni u din ma gietx registrata, dan in-nuqqas ma kien iwassal ghal ebda nullita` (ara s-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 376).

It-tieni aggravju ta' l-appellanti hu fis-sens li hija ma setghetx tinstab hatja skond l-imputazzjoni kif dedotta

ghax, skond l-appellanti, hija gie akkuzata li naqset li "taghti jew tipproduci ricevuta fiskali **permezz ta' *cash register* fiskali**", meta l-provi kienu juru li galadarba ma kienx hemm elettriku fl-Imsida fil-jum u l-hin indikati fl-imputazzjoni, il-*cash register* fiskali ma setax jithaddem. Anke dan l-aggravju huwa wiehed fieragh u din il-Qorti thossha urtata meta tirrealizza li l-avukat li rrediga l-appell anqas biss indenja ruhhu jara x'kienet l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva. Huwa veru li fil-kopja tas-sentenza a fol. 9 tal-process jinghad, f'dik il-parti fejn suppost hemm riproduzzjoni tal-imputazzjoni, "…taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tal-Erbatax-il Skeda…"; pero` hu evidenti li dan huwa zball tar-registratur, li meta gie biex jitraskrivi s-sentenza zied – probabbilment bil-*computer* permezz ta' xi *cut and paste* minn xi sentenza ohra – kliem li ma jinsabux fl-imputazzjoni originali. Infatti l-imputazzjoni originali tghid "…taghti jew tipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud…". Hu evidenti, ghal min jiehu l-izbriga li jara l-ligi u mhux jirredigi l-appelli bl-addocc, li l-imputazzjoni kif migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva qed tirreferi ghat-tieni parti tas-subinciz (1) tal-partita 3 tal-Erbatax-il Skeda tal-Kap. 406, u cioe` ghar-ricevuta fiskali li tinhareg manwalment mill-kotba ta' l-ircevuti appoziti. Ghalhekk dana l-aggravju qieghed ukoll jigi respint.

It-tielet aggravju ta' l-appellanti – u hawn qieghed il-qofol veru ta' dan l-appell – hu bazikament li hija ma kellhiex tinstab hatja peress li fil-kaz taghha kienet tapplika dik il-parti tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 82 tal-Kap. 406 li tghid:

**"…izda dak il-principal jew persuna registrata ma jkunx hati ta' reat taht dan is-subartikolu jekk igib prova li ma kienx jaf u li ma setax b'diligenza ragonevoli jkun jaf b'dak l-ghemil jew nuqqas u li huwa ghamel kull ma seta' jaghmel sabiex izomm milli jsir dak l-ghemil jew nuqqas."**

Issa, mill-provi jirrizulta li fil-hin li l-ispetturi tal-VAT dahlu fil-hanut ta' l-appellanti, hija ma kientx hemm ghax fil-fatt

ma kienitx qed tmur fil-hanut minhabba li ftit aktar minn xahar qabel kellha tarbija. Kien ghalhekk li hija kienet impjegat lil certu Sammy Azzopardi. Jirrizulta a sodisfazzjon ta' din il-Qorti li lil dan Azzopardi l-appellanti kienet taghtu struzzjonijiet cari li meta l-*cash register* ma jkunx jiffunzjona, huwa kellu johrog ricevuti manwali mill-kotba li kellu a disposizzjoni tieghu fl-istess bank fejn kien hemm il-*cash register*. Huwa nghata struzzjonijiet li kellu johrog ricevuta anke jekk jaghmel biegh ta' centezmu. Dak li jidher li gara hu li peress li fil-hin tal-ispezzjoni ma kienx hemm elettriku fl-Imsida (u allura ma setax juza l-*cash register*), dana Azzopardi jew nesa li kellu l-kotba tal-ircevuti, jew ma setax ilahhaq mal-klienti u allura iddecieda li jitkeb is-*sales* fuq bicca karta minghajr ma johrog ricevuta. Meta xehed l-ispettur tal-VAT Manfred Barbara (fid-29 ta' Lulju, 2003), dan qal li Azzopardi qallu li ma kellux kotba tal-ircevuti; pero` Azzopardi ma giex prodott bhala xhud mill-prosekuzzjoni. Peress li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hin minn kull dubbju dettat mir-raguni, mentri l-appellanti huwa bizzejjed li tipprova fuq bazi ta' probabbilita` li hija "ghamlet kull ma setghet taghmel sabiex izzomm milli jsir (ir-reat)", u peress li din il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi ma hemm ebda raguni ghala m'ghandhiex temmen dak li xehdet l-appellanti, l-appell ser jigi milqugh.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thasser u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------